MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 866/2013

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Joseph Falzon u martu Anna Falzon**

Permezz ta’ kawza prezentata fid-9 ta’ Settembru 2013 l-attrici qeghda titlob:-

1. Dikjarazzjoni li d-debituri huma solidalment debituri tal-bank fis-somma ta’ mija u erba’ u sittin elf tmien mija u wiehed u disghin ewro (€164,891) bhala somma kapitali, flimkien mas-somma ta’ elfejn u disa’ mitt ewro u hames centezmi (€2,900.05) rapprezentanti l-imghax li ddekorrew sad-9 ta’ Mejju 2013, u flimkien mal-imghax ulterjuri fuq is-

somma kapitali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-10 ta' Mejju 2013 sal-effettiv pagament.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-istess somom bl-imghax mitlub.

Il-kaz jitratta dwar facilita' ta' overdraft li kien inghata l-kovenut fis-sena 1973. Bi skrittura ta' garanzija tal-15 ta' Ottubru 1996 (Dok A) il-konvenuta kienet dahlet garanti ghad-djun ta' zewgha sas-somma ta' mija u sitta u tmenin elf tlett mija u tnejn u hamsin ewro (€186,352). Sussegwentement b'sanction letter datata 19 ta' Awwissu 2010, iffirmata mill-konvenuti, l-overdraft gie kristallizzat f'kont wiehed imsejjah rescheduled overdraft, fl-ammont ta' mija u hamsa u sittin elf ewro (€165,000) bil-kundizzjoni li l-hlas isir mhux iktar tard mis-17 ta' Awwissu 2011, bl-imghax li jkun iddekorra minn fuqha bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena. Dan soggett ghal kundizzjoni li l-hlas isir fuq talba bil-miktub.

Ghalkemm skada z-zmien tal-hlas il-konvenuti ma hallsux.

Fis-seduta tal-lum il-konvenuti rregistraw ammissjoni b'dan li ntlehaq qbil li fil-parti dispozittiva tas-sentenza jinghad li l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ma ssirx qabel sena mil-lum.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma ta' mija u erba' u sittin elf tmien mija u wiehed u disghin ewro (€164,891) bhala somma kapitali, flimkien mas-somma ta' elfejn u disa' mitt ewro u hames centezmi (€2,900.05) rapprezentanti l-imghax li ddekorrew sad-9 ta' Mejju 2013, u flimkien mal-imghax ulterjuri fuq is-somma kapitali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-10 ta' Mejju 2013 sal-effettiv pagament. B'dan ukoll li l-ezekuzzjoni tas-sentenza m'ghandix issir qabel jghaddu tlett mija u hamsa u sittin (365) gurnata b'effett mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------